**_Ruling_ mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 194 tat-3 ta' Novembru 2014 dwar rapporti ta' proċeduri parlamentari fil-_media_**

Fis-Seduta 193 tad-29 ta' Ottubru, 2014 l-Onor. Ċensu Galea għamel referenza għal artiklu li deher f'paġna 2 fil-ħarġa ta' *l-Orizzont* ta' dakinhar stess u qal hekk:

> "Sur President, għandu jkun kultant ikun hemm ċerti affarijiet li bilfors ikollok titkellem dwarhom. Ilbieraħ filgħaxija fl-Aġġornament tkellimt dwar il-mod kif jiġu rapportati ċerti mistoqsijiet u dwar il-fatt li s-sors tal-mistoqsija ma jkunx hemm referenza għalih.
>
> Irrid nagħmel riferenza għal rapport li hemm f'paġna 2 tal-ġurnal *l-orizzont* tal-lum bit-titlu "Dgħajjes u karozzi abbandunati tneħħew minn toroq f'San Pawl il-Baħar" fejn naħseb li mhux min kiteb ir-rapport, imma kif ġie ppubblikat, ma jagħmilx riferenza għall-fatt li l-informazzjoni li hemm fl-istorja hija proprjament l-informazzjoni li ħarġet fil-mistoqsija parlamentari 11,318 li għamilt jien u li wieġeb l-Onor. Owen Bonnici."

Is-Sedja, filwaqt li rringrazzjat lill-Onor. Ċensu Galea tal-intervent tiegħu, informatu li kienet qiegħda tieħu nota tal-punti mqajma u li kienet se tieħu l-passi meħtieġa b'mod immedjat.

L-artiklu li għalih għamel referenza l-Onor. Ċensu Galea f'paġna 2 ta' *l-Orizzont* tal-ħarġa tad-29 ta' Ottubru 2014, intitolat "Karozzi u dgħajjes abbandunati jitneħħew mit-toroq ta' San Pawl" kien miktub mill-artikolist Albert Gauci Cunningham u kien akkumpanjat minn ritratt u l-kliem "Kliem dispreġġjattiv minn sid ta' ċattra". Fl-artiklu, li kif anke joħroġ mit-titolu tiegħu jitkellem dwar żgumbrament ta' vetturi u dgħajjes biex jiġu kklerjati spazji f'San Pawl il-Baħar, insibu li:

> "Din l-informazzjoni ħarġet fi tweġiba parlamentari li ta l-Ministru għall-Ġustizzja, Kunsilli Lokali u Kultura Owen Bonnici fejn poġġa wkoll lista ta' postijiet li fihom twaħħlu l-avviżi tal-iżgumbrament."

Dan l-artiklu jkompli hekk:

> "Il-messaġġ mill-aktar aħrax (ara ritratt) ġab miegħu r-reazzjoni immedjata tas-Sindku ta' San Pawl il-Baħar Raymond Tabone li fuq Facebook fakkar kif il-Kunsill bl-għajnuna tal-Pulizija avża u waħħal *stickers* fuq il-karozzi jew dgħajjes biex is-sidien inkwistjoni ineħħuhom mit-toroq jew mix-xtut."

Aktar tard fl-artiklu jerġa' jkun hemm kumment li jgħid hekk:

> "F'kummenti li tħallew taħt il-kumment ta' Tabone fuq Facebook bosta nies urew ruħhom ixxokjati b'dak li kien għadhom kif qraw filwaqt li esprimew qbil mad-deċiżjoni tal-Kunsill li jiżgombra vetturi jew dgħajjes li jkunu qegħdin jokkupaw spazju b'mod illegali."

Nikkwota wkoll mill-aħħar paragrafu tal-artiklu:

> "Fl-informazzjoni li ngħatat fil-Parlament jirriżulta li f'żewġ toroq biss twaħħlu għaxar avviżi ta' żgumbrament ma' karozzi u dgħajjes."

Mill-intervent tiegħu fis-Seduta tad-29 ta' Ottubru 2014, is-Sedja fehmet li l-Onor. Ċensu Galea kien qed jitlobha protezzjoni fis-sens li ladarba l-informazzjoni kontenuta fl-artiklu ħarġet minn tweġiba tal-Ministru għall-Ġustizzja, Kunsilli Lokali u Kultura l-Onor. Owen Bonnici għall-mistoqsija parlamentari 11,318, l-artiklu kellu wkoll jagħmel referenza għall-Membru Parlamentari li ssottometta tali mistoqsija u ċjoè, l-Onorevoli Ċensu Galea u li permezz ta' liema mistoqsija mbagħad effettivament saret l-azzjoni msemmija fir-rigward ta' żgumbrament ta' karozzi u dgħajjes mit-toroq ta' San Pawl il-Baħar.

Wara l-ilment mqajjem mill-Onor. Galea, is-Sedja, *tramite* l-Uffiċċju tal-Iskrivan tal-Kamra, talbet lill-gazzetta *l-orizzont* biex tagħmel il-kjarifika neċessarja. B'risposta għal din it-talba għal kjarifika, l-Uffiċċju tal-Ispeaker irċieva komunikazzjoni mingħand l-editur tal-gazzetta *l-Orizzont* li staqsa liema huma dawk il-liġijiet jew l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra li jobbligaw lill-*media* jsemmu l-Membru Parlamentari li jkun għamel il-Mistoqsija Parlamentari.

Għaldaqstant is-Sedja ħasset li għandha tagħti dan ir-*ruling* anke biex ikun hemm linji gwida ċari dwar il-pożizzjoni tas-Sedja dwar rappurtaġġ ta' proċeduri parlamentari minn kull *media*, kemm dik elettronika, kemm dik viżiva, kemm dik tar-radju kif ukoll dik miktuba, bħal fil-każ li għandna quddiemna jiġifieri l-gazzetta *l-Orizzont*. Is-Sedja qiegħda tagħmel dan sabiex ikun hemm linja ċara bbażata fuq qafas legali kif ukoll fuq linji adottati minn parlamenti nazzjonali fi ħdan il-*Commonwealth*, fosthom ovvjament l-Ingilterra.

Din il-kwestjoni qamet minħabba li fl-artiklu msemmi aktar qabel, filwaqt li ma kienx hemm referenza għall-Onor. Ċensu Galea li għamel il-mistoqsija parlamentari, hemm referenza għal min irrisponda din il-mistoqsija, f'dan il-każ il-Ministru Owen Bonnici, u hemm referenza wkoll għas-Sindku ta' San Pawl il-Baħar is-Sur Raymond Tabone li ssemma darbtejn. U dan meta l-istess Onor. Ċensu Galea, bħala rappreżentant tal-poplu f'isem il-kostitwenza tiegħu ħa l-interess li jagħmel din il-mistoqsija parlamentari. Allura s-Sedja se tidħol profondament fuq x'għandha tkun il-pożizzjoni tas-Sedja meta jsiru mistoqsijiet parlamentari jew anke meta jsiru diskorsi minn Membri Parlamentari, huma min huma, id-69 li huma, f'din il-Kamra.

M'hemmx dubju li għalkemm l-Ordnijiet Permanenti huma siekta fuq din il-materja, joħroġ l-obbligu li kull gazzetta għandha tirrapporta fedelment u korrettement dak kollu li jiġri fil-Parlament u li rappurtaġġ skorrett jista' jikkostitwixxi disprezz tal-Parlament. Is-Sedja hawnhekk se tagħmel referenza għall-paragrafi (j) u (k) tal-artikolu 11(4) tal-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati (Kap. 113) u tikkwota b'mod partikolari l-paragrafu (k) li jgħid huwa reat kontra dan l-Att:

> "il-pubblikazzjoni volontarja jew bi traskuraġni ta' xi rapport falz jew mgħawweġ ta' xi dibattitu jew proċedimenti tal-Kamra jew ta' xi Kumitat tagħha."

Minn hawn joħroġ li ommissjoni ta' isem l-interpellant li jkun għamel domanda parlamentari f'rapport fil-*media*, tista' b'xi mod fl-interpretazzjoni ta' dawn l-artikli - għalkemm mhux neċessarjament dejjem għaliex wieħed irid jieħu in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi u l-kuntest kollu - tiġi meqjusa bħala rappurtaġġ mhux korrett jew sħiħ u li allura dak ir-rapport jista' jiġi interpretat bħala li huwa rappurtaġġ mgħawweġ.

Ċertament li r-rapport inkwistjoni ma jistax jitqies li huwa rappurtaġġ sħiħ għaliex filwaqt li saret referenza għall-Ministru li wieġeb il-mistoqsija, ma jistax jingħad l-istess għall-Membru Parlamentari li ssottometta l-istess mistoqsija.

Is-Sedja rat ukoll il-*Code of Journalistic Ethics* maħruġ mill-Malta Press Club, fejn taħt l-artikolu 4 jiġu elenkati dawk il-każijiet fejn huwa kkonsidrat li jkun hemm ksur tal-komportament etiku, fosthom:

> "*a. Whenever the confidentiality of the source of information, as requested, is not respected.*
> *b. Whenever a source of information is divulged without obtaining explicit permission so to do.*
> *c. Whenever any information supplied is published without verifying its veracity and accuracy as far as this is possible.*
> *d. Whenever it is established that a significant inaccuracy, misleading statement or distorted report has been published and no prompt and prominent correction is made.*"

Jidher ċar li fil-materja li għandha quddiemha s-Sedja, ma teżisti l-ebda kwestjoni ta' kunfidenzjalità jew xi għoti ta' xi permess. Għall-kuntrarju, hawnhekk qed nitkellmu fuq sors li huwa sors pubbliku, Membru Parlamentari elett mill-poplu biex jirrappreżenta l-interessi tal-poplu u allura ċertament huwa sors li għandu jiġi identifikat għar-responsabilità kemm tad-domanda kif ukoll tal-konsegwenza tar-risposta. Għalhekk, huwa etikament ukoll mhux korrett li hawnhekk il-ġurnalist li jkun qed jagħmel referenza għad-domanda parlamentari arbitrarjament ma jikkwotax is-sors, jiġifieri l-Membru Parlamentari, li bi dritt il-poplu għandu jkun jaf li qed jirrappreżentah permezz tal-istess domanda parlamentari u dan biex ikun hemm il-kontabilità tax-xogħol li jkun qed jagħmel l-istess Membru Parlamentari. Għalhekk, anke hawnhekk is-Sedja tara li etikament hemm nuqqas.

Fil-fatt, anke meta wieħed jagħmel referenza għal dak li joħroġ mill-Commonwealth Law Reviews fosthom 'Chapter 67: Privilege' tal-pubblikazzjoni *The News Manual*: *A professional resource for journalists and the media* dwar rappurtaġġ mill-qrati u mill-parlament wieħed isib dan li ġej:

> "*Similarly, Members of Parliament and other elected representatives of the people can only do their job if they are free to debate issues openly. The country cannot be properly governed by people who are muzzled.*"

Li joħroġ ċar minn din il-kwotazzjoni huwa indikazzjoni li l-isem għandu dejjem jissemma biex ikun hemm ir-responsabilità u wkoll it-trasparenza u l-*accountability* ta' dak li jkun qed isir fil-Parlament mill-persuna li tkun identifikata.

Anke jekk wieħed jara meta beda jiġi ppubblikat ix-xogħol li jsir fil-Parlament, speċjalment fl-Ingilterra u f'postijiet oħra bħalma huma l-Kanada, l-Awstralja, *New Zealand* u postijiet oħra tal-*Commonwealth*, f'dak li huwa *parliamentary reporting* magħruf aħjar bħala *Hansard's Parliamentary Debates*, joħroġ ċar li meta jissejjaħ membru biex jitkellem:

> "*In that House, the Speaker must call on a member by name before that member may speak.*"

Ir-rappurtaġġ, li għalkemm ma jkunx ir-rappurtaġġ kollu sħiħ imma

> "*…which, though not strictly verbatim, is substantially the verbatim report with repetitions and redundancies omitted and with obvious mistakes (including grammatical mistakes) corrected, but which, on the other hand, leaves out nothing that adds to the meaning of the speech or illustrates the argument,*"

joħroġ ċar li jrid jiġi identifikat il-Membru Parlamentari. Fil-fatt,

> "*Hansard adds, in parentheses, the name of the member being referred to, the first time that Member is referred to in a speech or debate*".

Għalhekk, is-Sedja qiegħda tiddeċiedi li kull darba li f'rappurtaġġ fil-*media* ssir referenza għal xi Mistoqsija Parlamentari jew xi diskors li jkun sar minn Membru Parlamentari f'din il-Kamra jew fil-Kumitati tagħha, ir-rappurtaġġ għandu jinkludi wkoll l-isem ta' dak il-Membru Parlamentari li jew ikun issottometta d-domanda parlamentari, min ikun weġibha jew li jkun għamel id-diskors.

Għalhekk, dan ir-*ruling* għandu jiġi wkoll komunikat lill-editur tal-gazzetta *l-Orizzont* biex ikun jista' jagħmel il-kjarifika u l-korrezzjoni meħtieġa wara l-ilment mqajjem mill-Onor. Ċensu Galea fis-seduta 193 tad-29 ta' Ottubru 2014, u dan fi żmien jumejn mid-data ta' dan ir-*ruling*.